**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tat-Tlieta, 8 ta' Jannar 2019**

**Rikors numru 99/2018 (JVC)**

**Maria Rita Camilleri**
**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku (Ghawdex)**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attrici ppremettiet:

Illi fl-Att tal-Mewt ta' zewgha Giovanni sive John Camilleri li jgib in-numru mija u tmienja u disghin tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (198/1998) fil-parti relattiva ghat-Taghrif dwar il-mejjet, fil-kolonna ntestata "Isem u kunjom il-genitur", il-kunjom ta' xebba ta' omm il-mejjet Carmela Camilleri gie mnizzel u registrat bhala "Muscat" (certifikat relattiv esebit u markaat A).

Illi l-kunjom taghha ta' xebba kien "Attard" u mhux "Muscat" kif jirrizulta car mill-Att tat-Twelid tal-mejjet li jgib in-numru tlieta mija u wiehed u disghin tas-sena elf disa' mija u tletin (1930) (certifikat relattiv esebit u markat B), mill-att tal-Maghmudija tal-Parrocca tan-Nadur fejn il-mejjet kien gie mghammed (certifikat tal-maghmudija esebit u markat C), u mill-Att tat-Twelid taghha stess li jgib in-numru sebgha mija u tmienja u sebghin tas-sena elf disa' mija u hamsa (778/1905) (certifikat relattiv esebit u markat D).

Illi l-attrici trid li jigi rrangat dan l-izball fl-Att tal-Mewt ta' zewgha u qed tressaq din it-talba gudizzjarja ai termini tal-artikolu 253(1) tal-Kodici Civili sabiex tigi awtorizzata d-debita korrezzjoni fl-Att tal-Mewt ta' zewgha John Camilleri biex il-kunjom ta' xebba ta' omm il-mejjet Carmela Camilleri li jidher imnizzel bhala "Muscat" jigi mibdul ghal "Attard".

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din it-talba bil-beneficcju tal-ghajnuna legali skont id-digriet hawn anness u markat E.

Talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-kunjom ta' xebba ta' omm il-mejjet John Camilleri cioe' Carmela Camilleri fl-Att tal-Mewt tieghu li jgib in-numru mija u tmienja u disghin tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (198/1988) huwa zbaljat u ried ikun "Attard" u mhux kif gie registrat bhala "Muscat".

2. Konsegwentement a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili hawn fuq imsemmija tordna l-korrezzjoni relattiva fl-Att tal-mewt ta' John Camilleri li jgib in-numru mija u tmienja u disghin tal-elf disa' mija u tmienja u tmenin (198/1988) billi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar il-mejjet" fil-kolonna ntestata "Ismijiet u kunjom il-genituri tal-mejjet", il-kunjom ta' xebba ta' Carmela Camilleri ndikat nee' "Muscat" jigi korregut u jsir jaqra nee' "Attard".

Bl-ispejjez.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku ta' Ghawdex fejn ikkonferma:

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smiegh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi l-esponenti ma ssibx oggezzjoni ghat-talbiet rikorrenti u fi kwalunkwe kaz tirrimetti ruhha ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi gdhemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi huwa certament m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi u konsegwentement l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur konvenut giet irtirata mill-istess Direttur fil-verbal tal-lum.

Rat li l-partijiet strahu fuq il-provi fl-atti u qablu li l-kawza tista' tigi deciza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li ghajr ghall-eccezzjoni preliminari d-Direttur konvenut mhux qed jopponi ghat-talba tar-rikorrenti. Rat ukoll li t-talba tar-rikorrenti in vista tad-dokumentazzjoni esebita tidher li hija gjustifikata.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstan ghar-ragunijiet kollha suesposti, l-Qorti tghaddi sabiex tilqa t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tiddikjara li l-kunjom ta' xebba ta' omm il-mejjet John Camilleri cioe' Carmela Camilleri fl-Att tal-Mewt tieghu li jgib in-numru mija u tmienja u disghin tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (198/1988) huwa zbaljat u ried ikun "Attard" u mhux kifgie registrat bhala "Muscat".

2. A tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili hawn fuq imsemmija tordna l-korrezzjoni relattiva fl-Att tal-mewt ta' John Camilleri li jgib in-numru mija u tmienja u disghin tal-elf disa' mija u tmienja u tmenin (198/1988) billi fil-parti relattiva ghat-Taghrif dwar il-mejjet fil-kolonna ntestata "Ismijiet u kunjom il-genituri tal-mejjet", il-kunjom ta' xebba ta' Carmela Camilleri ndikat nee' "Muscat" jigi korregut u jsir jaqra nee' "Attard".

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur